*Devozzjoni kbira fil-Gżejjer Maltin lejn Tlugħ fis-Sema ta' Marija...*

# Seba' Knejjes jew Kappelli ta' l-Assunta



**kitba u ritratti ta' Silvio CASSAR**

Meta kont fuq il-bank ta' l-iskola nistudja l-Letteratura Maltija, niftakar żewġ poeżiji li kellhom x'tagħmel sew fihom. Qed nirreferi għall-poemi 'L-Għanja tas-Seba' Niċeċ' u 'L-Għanja tas-Seba' Għerien' ta' l-Avukat u Poeta Ġorġ Zammit (1908-1990). Fl-ewwel poeżija, il-poeta qed jagħmel vjaġġ madwar il-Gżejjer Maltin u jżur seba' kappelli, uħud minnhom iddedikati lill-Madonna filwaqt li fit-tieni waħda qed jammira l-ambjent pittoresk Malti fl-isbuħija kollu tiegħu. Tul dawn iż-żewġ vjaġġi huwa jinseħ il-leġġendi u stejjer marbutin ma' dawn l-irkejjen u fl-istess ħin qed jgħanni l-paesaġġ Malti. Permezz ta' dan il-vjaġġ, Ġorġ Zammit qed jagħmel bħal penitenza u għalhekk qed jissaffa spiritwalment ħalli meta jkun il-waqt jibda l-pellegrinaġġ li jmiss hekk kif nissel vrus il-poeżija:

Instemgħet fil-beraħ is-sejħa
Ta' seħer l-imħabba:
U qalbi weġbitha.

U jien xtaqt li nimita lill-poeta Ġorġ Zammit fil-vjaġġ tiegħu. Għalhekk ħassejt li għandi nagħmel ukoll il-pellegrinaġġ tiegħi lejn seba' kappelli ddedikati lil Marija Mtellgħa s-Sema. L-ewwelnett, waqt il-vjaġġ tiegħi rajt id-devozzjoni kbira li teżisti lejn l-Assunta, devozzjoni li għad għandha għeruq fondi fil-Gżejjer Maltin. Kelli diffikultà liema nagħżel għax sibt ammont ferm akbar ta' kappelli ddedikati lill-Assunta - kollha jsebbħu t-toroq tagħna, imma jien ridt nibqa' fuq in-numru seba'... in-numru li jissemma' għal diversi drabi fil-Bibbja (kemm fl-Antik u fil-Ġdid Testment).

Iva... dan il-kult Marjan kiber tul iż-żminijiet u dan jixduh il-Maltin li mal-medda taż-żmien poġġew lill-Ommna Marija Patruna ta' dawn il-gżejjer. Biżżejjed insemmu l-festi titulari kbar li jsiru f'ġieħ Santa Marija f'mhux inqas minn seba' lokalitajiet... ibda mill-Mosta, Ħ'Attard, il-Gudja, Ħal Għaxaq, l-Imqabba, il-Qrendi u l-Katidral fir-Rabat Għawdex. Ma rridux ninsew dawk li jiġu ċċelebrati fl-ewwel Ħadd fuq il-15 t'Awwissu... Had-Dingli, l-Imġarr u ż-Żebbuġ Għawdex.

L-istorja turina li dan il-kult imur lura lejn is-seklu sittax. Kompla jikber għax il-poplu Malti dejjem irrikorra għall-għajnuna lejn l-Ommna Marija fid-diversi epidemiji bħall-pesta li kienu laqtu l-Gżejjer Maltin u fit-Tieni Gwerra Dinjija meta speċjalment jibqa' msemmi l-Konvoj ta' Santa Marija li wasal fil-Port il-Kbir nhar it-12 t'Awwissu 1942, hekk qrib Jum l-Assunta, meta f'Malta kien għoddu spiċċa l-proviżżjon ta' l-ikel minħabba l-gwerra. Wisq aktar il-Mostin jibqgħu jiftakru l-bomba li waqgħet fir-Rotunda nhar id-9 t'April 1942, u ma ħaditx.

## Il-Kappella ta' Santa Marija f'Ħal Balzan

Il-vjaġġ pellegrin tiegħi bdejtu bla dubju f'raħal twelidi - Ħal Balzan. Il-Kappella ta' Santa Marija tinsab ftit 'il fuq mill-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Annunzjata. Il-kappella attwali hija t-tielet waħda għax qabel kien hemm tnejn oħra mibnijin fl-istess post. L-ewwel kappella ddedikata lill-Assunta f'Ħal Balzan tmur lura għall-1574. It-tieni kappella tlestiet fl-1675 fost il-ferħ tal-Balzanin għax tajjeb li nkunu nafu li dak iż-żmien Ħal Balzan kienu jinstabu żewġ żoni... dik iż-żona tal-knisja parrokkjali l-qadima ddedikata lill-Annunzjata u l-oħra fin-naħa ta' fuq tar-raħal kappella ddedikata lit-Tlugħ fis-sema ta' Marija. Xi ħsarat



laqtu wkoll din it-tieni knisja ta' Santa Marija, għalhekk kellha tinbena t-tielet kappella. Id-devozzjoni kbira li kellhom il-Balzanin lejn il-Madonna, fl-1846 taw bidu għall-bini ta' kappella oħra. Il-bini ħa madwar tliet snin. Dan kollu sar bit-tħabrik ta' Dun Salv Sammut. Il-faċċata tolqtok immens għax-xogħol arkitettoniku mill-isbaħ li fiha. Quddiem il-knisja hemm statwa ta' Santa Marija, xogħol fil-ġebel ta' Siġismondu Dimech fl-1838 b'tifkira mill-ħelsien tal-kolera. Fl-2005 din il-kappella ġiet irrestawrata u bdiet isservi ta' Ċentru għall-Adorazzjoni matul il-jum.

## Il-Kappella ta' Santa Marija f'Ħaż-Żebbuġ



Hekk kif toħroġ minn Ħal Balzan lejn Ħ'Attard u taqbad it-telgħa lejn Ħaż-Żebbuġ, fit-tarf tat-triq dlonk tilmaħ statwa ta' Santa Marija hekk imsejħa Santa Marija ta' Ħal Muxi. Ftit metri 'l bogħod tara miegħek il-kappella ta' Ħal-Muxi mill-aktar eleganti. Din il-knisja nbniet fl-1775 iżda l-istorja tibda qabel għax kienet diġà tissemma fil-Viżta ta' l-Isqof Mons. Duzina fl-1575. Fl-1953 kienu sarulha sett qniepen ġodda u kienu tbierku mill-Isqof Galea. F'għeluq il-200 sena mill-bini tal-knisja sar zuntier ġdid, però jispikkaw l-aktar żewġ statwi ta' San Filep kif ukoll ta' Santa Marija, xogħol ta' Marco Montebello (1915-1988). Għad issib attività għaddejja fl-inħawi tal-kappella tant li hija mfittxija sew min-nies taż-żona ta' Ħal-Muxi għall-quddies, katekiżmu għat-tfal u laqgħat. Il-festa ssir Ħadd wara l-15 t'Awwissu u l-kappella, flimkien maż-żona, ikunu armati sew.

## Il-Kappella ta' Santa Marija f'Ħaż-Żebbuġ



Bqajt Ħaż-Żebbuġ. F'parti oħra ta' Città De Rohan mort nara l-knisja ta' Santa Marija hekk imsejħa 'Ta' Mamo'. Ġawhra arkitettonika ta' Lorenzo Gafà. Tlestiet fl-1685 u tbierket eżattament lejliet il-festa ta' Santa Marija... 14 t'Awwissu, 1685. Il-benefattur ewlieni kien Salvu Pisano li l-familja tiegħu kienet qabel tieħu ħsieb il-kappella li kien hemm qabel fl-istess post, dik tas-Salvatur. L-istil tal-kappella huwa uniku u partikolari mqabbel ma' kappelli oħra għax il-koppla ddawwar il-kappella kollha. Barra minn hekk, il-lanterna tistħajjilha kuruna mpoġġija fuq il-kappella ddedikata lit-Tlugħ fis-sema ta' Marija.

## Il-Knisja ta' Santa Marija f'Ħal Tarxien



Minn Ħaż-Żebbuġ mort lejn Ħal Qormi, għat-telgħa ta' Ħal Luqa, u mit-Triq tal-Barrani dħalt lejn Ħal Tarxien. Wara dawra mal-lokal sibt il-knisja ddedikata lil Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema fil-qalba ta' Ħal Tarxien u jsibuha 'Tar-Rokna' għax tinsab verament fir-rokna tal-bini. Faċċata eleganti, bieb ewlieni u b'żewġ kampnari li nbnew fl-1909 bis-saħħa tal-prokuratur ta' dak iż-żmien Dun Franġisk Penza.

Bejniethom hemm ukoll statwa ta' l-Assunta u b'kopppletta fuq wara. Għalkemm knisja żgħira u antika, sa minn dejjem kienet imfittxija min-nies tal-viċinanzi kif ukoll diversi baħħara ta' l-imgħoddi. Dan jixhdu d-diversi eks-voti li nsibu fiha. Il-bini tal-knisja nafuh lil Donna Domenica, armla ta' Gentile Azzopardi, li ħalliet legat bħala piż fuq art favur din il-knisja li jitħallas kull sena.

Mill-Att tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mons. Gagliares fl-1619 nafu li din il-knisja ttellgħet madwar is-sena 1415 fi żmien l-Isqof Fra Anton Platamone.

Fi żmien l-Assedju, il-knisja ġarrbet ħafna ħsarat minħabba l-preżenza tat-Torok f'dawn l-inħawi u fl-1668, il-Kappillan Dun Gianmaria Barbara ġabar għaliha u reġa' tellagħha mill-ġdid. Fis-sena 1826, ċertu Andrè Muscat u martu Tereża, devoti tal-Madonna, ħallew b'testment somma flus għal servizzi reliġjużi.

B'hekk b'dan il-legat waqqfu wkoll l-quddiesa sollenni, l-għasar ta' lejliet u nhar il-festa ta' l-Assunta. Tajjeb li ngħidu li ġewwa fuq l-artal insibu kwadru titulari mill-isbaħ li juri lit-Tlugħ fis-sema ta' Marija bil-kori kollha ta' l-Anġli mdawrin fuq xogħol tal-pittur Rokku Buhagiar u sar fl-1771. Idawwar il-kwardu hemm prospettiva dekorattiva li tiġbed l-għajn hekk kif tidħol fil-knisja.

## Il-Kappella ta' Santa Marija f'Bir Miftuħ

Tlaqt minn Ħal Tarxien. Erħejtilha lejn l-ajruport



u hekk kif tiġbed lejn il-Gudja tara kappella mill-isbaħ, imdawra b'ambjent nadif u miżmum. Din il-kappella kellha mportanza kbira fil-ħolqa tan-nisġa tar-raħal tal-Gudja. Din inbniet fis-seklu 15, x'aktarx madwar l-1430. Tant hu hekk li din kienet isservi bħala l-knisja parrokkjali, anzi msejħa bħala l-parroċċa l-antika ta' Bir Miftuħ u kienet waħda mill-ewwel għaxar parroċċi li twaqqfu f'Malta u Għawdex fil-bidu tas-seklu 15. Ta' min wieħed isemmi li din il-kappella hi waħda mill-uniċi żewġ knejjes parrokkjali li għadhom jeżistu mill-għaxra li kien hemm dak iż-żmien.

Sadanittant, irridu nsemmu li din il-kappella ta' Bir Miftuħ kienet tiġbor fil-parroċċa tagħha lill-Gudja, Ħal Tarxien, l-Imqabba, Ħal Safi, Ħal Luqa, Birżebbuġa, Ħal Kirkop u Ħal Farruġ. Madwar din il-kappella kienu nbnew ħames kappelli oħra żgħar... dik ta' Santa Katarina, San Bastjan, tan-Nativitá ta' Marija, San Ġorġ u l-Assunzjoni. Dan kollu nsibuh lejn is-seklu 16 u 17. Din il-kappella serviet ta' parroċċa sakemm lejn is-sena 1650, il-poplu tal-Gudja beda jaħseb sabiex jibni knisja ġdida u ferm akbar fiċ-ċentru tal-lokal u tilqa' għall-ħtiġijiet kollha tal-komunità.

Il-knisja kienet ferm akbar għax jingħad li xi materjal kien ittieħed sabiex jintuża għall-bini tal-knisja parrokkjali ġdida tal-Gudja. B'xorti ħażina, din il-knisja ġarrbet ħsarat kbar bil-bombi nhar id-9 t'April 1942, matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Matul iż-żminijiet dak li waqa' kien issewwa sakemm l-Organizzazzjoni 'Din l-Art Ħelwa' bdiet tieħu ħsieb din il-knisja fl-1978. Fil-fatt, matul is-snin ta' wara kompla jsir restawr u manutenzjoni f'din il-kappella. Ta' min ifaħħar lil din l-Organizzazzjoni għall-ambjent miżmum nadif fl-inħawi bid-diversi xtieli u pjanti li jsebbħu dik iż-żona tal-kappella ta' Bir Miftuħ.

## Il-Kappella ta' Santa Marija f'Bubaqra

Komplejt bil-vjaġġ tiegħi, din id-darba triqti lejn iż-Żurrieq. Għaddejt minn taħt il-mina, qsamt iż-Żurrieq kollu sakemm wasalt fiż-żona Ta' Bubaqra. F'ambjent mill-isbaħ l-ewwel sibt fuq pedestall għoli tal-ġebel statwa mill-isbaħ ta' Santa Marija u hekk kif tidħol aktar 'il ġewwa tilmaħ il-kappela ta' Santa Marija, hekk imsejħa Ta' Bubaqra.

Din il-knisja ħadet post żewġ kappelli li kien hemm ħdejn xulxin... dik ta' Santu Rokku u dik ta' San Bastjan (l-artal tal-ġenb hu ddedikat lil dan il-qaddis b'tifkira tal-kappella li kellu). Wara li ż-żewġ kappelli ġew profani fl-1658, hekk kif għaddiet il-pesta ta' l-1676, inbniet din il-kappella ddedikata lil Santa Marija. Imma fl-1961, inħass li din il-kappella għandha titkabbar minħabba li fiż-żona bdew jiżdiedu n-nies. Għalhekk intagħżlet il-pjanta tal-Kav. Ġużè D'Amato (1886-1963), li wara mewtu kompla x-xogħol il-Perit E. Borg Cardona.

B'hekk, l-antik tal-kappella tħallat max-xogħol il-ġdid biex b'hekk inħolqot knisja li sal-lum għadha sservi lill-komunità ta' l-inħawi għat-tiġdid spiritwali... quddies, duttrina kif ukoll għar-rikreazzjoni.

## Il-Kappella ta' Santa Marija f'Ħax-Xluq

Mill-kwiet f'Ta' Bubaqra, kien imiss l-aħħar vjaġġ tiegħi li ser joħodni għal aktar kwiet xejn mittiefes... bejn il-lokalitajiet tas-Siġġiewi u l-Qrendi nsibu Ħal-Xluq. Għaddejt mill-inħawi Ta' Kandja... traffiku mill-anqas. Minflok bqajt sejjer lejn iċ-ċentru tas-Siġġiewi, ksirt lejn ix-xellug u sibt l-istatwa ta' Santa Marija tilqgħek u tistħajjel turik 'il fejn trid tmur sabiex issib il-kappella ddedikata lill-Assunta. Din kienet inbniet fis-seklu 15 qalb il-kampanja. Iżda jingħad li wara xi ħsarat, il-kappella reġgħet inbniet lejn l-1596 (aktar minn 400 sena ilu) minn ċertu John Paul Buttigieg.

Dan kollu jissemma' mill-Isqof Mons. Duzina meta żar is-Siġġiewi u semma' l-kappelli ta' l-inħawi fosthom din ta' Ħal-Xluq. Illum il-ġurnata, fl-ewwel Ħadd wara Jum l-Assunta, tiġi ċċelebrata festa żgħira ad unur Marija Mtellgħa s-Sema. Fil-kappella nsibu statwa ta' Santu Rokku u Santa Rita flimkien ma' diversi kwadri fosthom tal-Madonna tar-Rużarju, Kristu jġorr is-salib u l-kwadru titulari tat-Tlugħ fis-sema... dawn il-pitturi attribwiti lil xi alliev ta' Francesco Zahra (1680-1765).

Iva... fil-vjaġġ lura lejn id-dar bqajt inġib quddiemi l-memorja tas-seba' kappelli li jsebbħu d-diversi żoni f'pajjiżna. J'Alla fi snin li ġejjin ikolli ċans sabiex nerġa' nirrepeti l-vjaġġ tiegħi ta' żjarat lil aktar kappelli ddedikati lill-Assunta. U bil-ħsieb f'moħħi x'kult rabba l-poplu tagħna lejn Marija, x'qima poġġa lejn dan il-misteru tat-Tlugħ fis-sema, x'wirt devozzjonali, x'wirt storiku u artistiku ħolqu l-Maltin ta' l-imgħoddi, inħares lejn din l-Omm u nirringrazzjha ta' kulma tagħmel magħna u tkompli tħares u żżomm idejha fuqna lkoll.

**Referenzi:**

Ġorġ Zammit, *Poeżiji*, p. 69.

Mons. Dun Ġwann Dimech, *Ħal Balzan - Ġrajjietu sa l-1999.*

Alfie Guillaumier, *Bliet u Rħula Maltin.*

Kilin, *A Hundred Wayside Chapels of Malta and Gozo.*